A.L. 107 ta' l-2000

ATT BIEX IĦARES L-AMBJENT (KAP. 348)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 32, 33 u 48 ta' l-Att biex iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent bi ftehim mal-Ministru ta' l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 146 ta' l-1993.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (2) tiegħu, il-kliem ", jew li jkollha l-kanna tagħha mhux żarmata mill-bqija ta' l-arma tan-nar" għandhom jitħassru; u

(b) minflok il-paragrafu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(4) Ebda persuna ma għandha ġġorr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew m'hix, li ma tkunx qiegħda fil-għata tagħha, jew tispara xi arma oħra tan-nar, waqt li tkun anqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew raħal, jew f'postijiet oħra abitati, jew anqas minn 50 metru minn toroq prinċipali u arterji:

Iżda fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja, din id-distanza ma tapplikax:

Iżda wkoll l-arma tan-nar ma għandhiex tkun immirata lejn triq jew mogħdija.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Ebda persuna ma tista' għal skopijiet kummerċjali tibbalzma jew timmonta xi għasfur jew tagħmilha ta' balzmatur, jew ikollha fill-pussess tagħha għodda, kimika jew apparat ieħor li jintuża jew li soltu jintuża għall-ibbalzmar, mingħajr il-liċenza tal-Kummissarju.".